MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru 522/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**AARON SLADDEN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Aaron Sladden ta’ 38 sena bin Joseph u l-mejta Spiridiona nee’ Grech, imwieled Hat-Attard, fl-4 t’April, 1972 u joqghod fil-font: Nru. 39, Sqaq it-Torri, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru: 0222172(M).

A) Billi gie akkuzat talli, filwaqt li kien fi Triq San Dwardu, gewwa l-Birgu, nhar it-2 ta’ Marzu, 2010 ghall-

habta ta’ l-10.00 ta’ filghodu, dolozament bil-hsieb li jikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Frederick Armeni mill-Marsa, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi mbuttah, liema delitt ma’ giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta’ tieghu.

B) U aktar talli, fl-istess data, hin u lok, qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti.

C) Talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-buon ordni u il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JB3 u nnutat li l-imputat Aaron Sladden m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 17, 41(1)(a), 216, 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Aaron Sladden, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li l-

Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Aaron Sladden ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Aaron Sladden jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Aaron Sladden b'obbligazzjoni personali ta' elf Euro (Euro 1000) li jzomm il-kwiet ma' Frederick Armeni u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Aaron Sladden l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------